26 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Peter Falzon et. ne. *versus* Avukat Dr. George De Gaetano et. ne.

## Apertura ta' Kreditu — Bank — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Sekwestru — Art. 743 (g) tal-Kap. 15

*Jekk bank lokali jiftaħ kreditu b'inkariku ta' ditta lokali favur ditta estera biex jassikura l-ħlas tal-prezz ta' merkanzija li d-ditta estera tkun sejra tbiegħ u tispedixxi lid-ditta lokali, u mbgħad jeżegwixxi l-inkariku skond it-termini tal-apertura tal-kreditu, u wara li jħallas jirċievi sekwestru mid-ditta lokali kontra d-ditta estera minħabba xi reklam li d-ditta lokali tagħmel kontra tagħha in konnessjoni ma' dik il-merkanzija, il-bank ma jkollux f'idejh flus tad-ditta estera jekk kien ġa eżegwixxa l-inkariku meta ġie notifikat bis-sekwestru; u jekk dik id-ditta estera ma għandhiex flejjes jew effetti oħra f'dawn il-Gżejjer li fuqhom tkun tista' tiġi eżegwita s-sentenza, u dan meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni kontra d-ditta estera, il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tal-kawża; u għandha tordna "ex officio" l-inkompetenza tagħha minħabba nuqqas ta'ġurisdizzjoni.*

*Il-Bank lokali, anki jekk kellu xi flus tad-ditta estera f'idejh meta rċieva s-sekwestru, ma għandux għalfejn jiġi mdaħħal fil-kawża biex jiġi lilu inibit li jittrasmetti l-flus lid-ditta estera, jew biex iħallas jew jirrestitwixxi lid-ditta lokali dik il-parti tal-prezz li din tippretendi li għandha tieħu lura minn għand id-ditta estera. Għax il-liġi tipprovdi lill-kreditur il-mezz biex jottjeni dan; imma mhux b'kawża kontra l-Bank sekwestratarju, iżda b'mezzi oħra stabbiliti mill-Liġi tal-Proċedura; u kwindi hu xieraq li l-Bank jiġi maħruġ barra mill-kawża fil-każ li jiġi azzjonat f'dan is-sens.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li ppremettew illi, fuq ordinazzjoni tad-ditta instanti, id-ditta konvenuta "Baranja Export" spediet Malta, fejn was-

let mal-vapur "Timok" fil-21 ta' Diċembru 1955, partita ta' 214 barri, li tagħha l-istess ditta instanti ddepożitat il-prezz, likwidat kif miftiehem, ta' £9780.4.7, fil-Barclays Bank D.C.O., inkarikat mit-trasmissjoni ta' dik is-somma lill-"Banque Nationale de la Republique Federative Populaire de Yugoslavie", bħala rappreżentanti d-ditta konvenuta "Baranja Export"; u li l-partita barrin predetta ma kienetx, kif garantita mill-istess ditta "Baranja Export", ta' "prime fat quality", u 36 barri mill-istess partita kienu ta' piż iżjed jew, skond il-każ, anqas mill-piż massimu u minimu li fuqu kien sar ftehim espress, kollox kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li in konsegwenza tan-nuqqasijiet predetti, u talvolta ta' nuqqasijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, lid-ditta attriċi jikkompeti d-dritt għar-riduzzjoni tal-prezz tal-istess partita barrin u għall-konsegwenzjali rifużjoni ta' dik il-partita mill-prezz li tirriżulta mħallsa in eċċess; in kawtela ta' liema drittijiet tagħha d-ditta attriċi talbet u otteniet, fis-27 ta' Jannar 1956, l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru għas-somma ta' £396.18.5 f'idejn il-konvenut Whicker nomine, li għandu kien għadu kemm ġie depożitat il-prezz intier tal-partita barrin in kwistjoni, u kontra l-konvenuti nomine l-oħra; talbu:— (1) Li jiġi dikjarat u deċiż li l-partita barrin in kwistjoni ma kienetx tal-kwalità u piż miftiehem bejn id-ditta attriċi u d-ditta konvenuta "Baranja Export", u li ta' dan in-nuqqas hija responsabbli l-istess ditta konvenuta "Baranja Export"; (2) li per konsegwenza jiġi likwidat, okkorrendo per opera ta' periti nominandi, l-ammont li bih. in konsegwenza tad-difett fid-differenza fil-piż u kwalità tal-barrin, għandu jiġi ridott il-prezz tal-partita barrin in kwistjoni, likwidat kif miftiehem fl-imsemmi ammont ta' £9780.4.7; (ċ) li d-ditta konvenuta "Baranja Export" tiġi kundannata tirrestitwixxi lid-ditta instanti s-somma li tiġi likwidata taħt id-domanda preċedenti, billi għal dan il-fini jiġi nterdett il-konvenut Whicker nomine milli jittrasmetti lill-"Banque Nationale de la Republique Federative Populaire de Yugoslavie", dan tal-aħħar bħala rappreżentant tad-ditta konvenuta "Baranja Export", dik l-istess somma

mill-prezz depożitat għandu mid-ditta attriċi, billi, inveċe, l-istess konvenut Whicker nomine jiġi kundannat jikkonsenja u jirrestitwixxi dik is-somma lid-ditta istanti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit;

*Omissis;*

Tikkunsidra l-ewwelnett, dwar l-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Illi mill-provi jirriżulta li trattasi mil-każ ta' komprovendita kontra apertura ta' kreditu, miftuħ b'ordni tad-ditta attriċi, u akkont tagħha, mill-Banka Barclays (Dominion, Colonial and Overseas), bi tramiti tal-"Banque Nationale de la Republique Federative Populaire de Yugoslavie", favur id-ditta "Baranja Export". Il-Banka Barclays tat istruzzjonijiet lill-Bank Yugoslav ta' Belgrade biex iħallas lid-ditta "Baranja Export" il-75% tas-somma tal-kreditu favur l-istess ditta, jekk din tkun spediet il-merkanzija għat-termini tal-kreditu, u l-bilanċ meta l-istess Bank ikun irċieva istruzzjonijiet mill-Banka Barclays fis-sens li jista' jħallas anki dak il-bilanċ; liema istruzzjonijiet, biex jitħallas il-bilanċ, il-Banka Barclays kellha tittrasmetti lill-Bank Yugoslav ta' Belgrade wara li tkun ġiet infurmata mid-ditta attriċi li dak il-bilanċ jista' jitħallas. Id-ditta attriċi nfurmat lill-Bank Barclays li l-bilanċ seta' jitħallas, u tatha ordni biex tħallsu; u l-Banka Barclays, fit-23 ta' Diċembru 1955, fuq ordni u għan-nom tad-ditta attriċi, tat istruzzjonijiet lill-Bank Yugoslav ta' Belgrade biex iħallas dak il-bilanċ lid-ditta "Baranja Export";

Illi, għalhekk, meta ġie preżentat l-att taċ-ċitazzjoni, u meta l-Barclays Bank ġie notifikat bis-sekwestru, li sar fis-27 ta' Jannar 1956, fil-Barclays Bank konvenut ma kienx hemm flus tad-ditta "Baranja Export", u ma ġiex pruvat li din id-ditta għandha xi ħwejjeġ oħra f'dawn l-Gżejjer, u li l-bank Yugoslav fuq riferit għandu xi flejjes jew effetti oħra

fl-istess Gżejjer, li fuqhom is-sentenza tista' tkun eżegwita;

Illi għalhekk, konformement għal dak li jingħad fid-dispożizzjoni tal-art. 743(g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer, u kwindi din il-Qorti, ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawża in kwantu hija diretta kontra d-ditta "Baranja Export" u kontra l-"Banque Nationale de la Republique Federative Populare de Yugoslavie". U difatti, skond iċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi, il-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer għandhom ġurisdizzjoni f'kawżi rigwardanti kull persuna għall-obligazzjonijiet li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina biss meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Illi f'dan il-każ trattandosi ta' kawża li mhix ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Gżejjer, il-Qorti għandha "ex officio" tiddikjara l-inkompetenza tagħha;

Tikkunsidra, riferibilment għall-Barclays Bank (Dominion, Colonial and Overseas);

Illi, kif ġa ngħad, il-funzjoni tiegħu kienet dik ta' interpożizzjoni bejn id-ditta attriċi li xtrat u d-ditta "Baranja Export" li biegħet il-merkanzija, biex, billi l-komprovendita saret "contro apertura di credito", tantiċipa lid-ditta "Baranja Export" venditriċi, is-somma lilha dovuta mid-ditta attriċi konsenjatriċi, biex mbgħad tirrimborżah minn għand din it-tieni ditta. Din il-funzjoni, il-Banka Barclays espletatha u kkonduċietha għat-terminu skond l-istruzzjonijiet u l-ordni tad-ditta konvenuta. Bħala sekwestratarja, anki kieku kellha taħt idejha xi flus jew effetti oħra tad-ditta "Baranja Export" jew tal-Bank Yugoslav fuq imsemmi, ma kienx hemm għalfejn tiġi mdaħħla fil-kawża biex jiġi lilha inibit li tittrasmetti dawk il-flus jew effetti lid-ditta jew lill-Bank fuq riferiti, u biex tiġi kundannata tikkonsenja u tirrestitwixxi lid-ditta instanti s-somma li biha l-istess ditta, għall-motivi espressi fl-att taċ-ċitazzjoni, tippretendi li

għandu jiġi ridott il-prezz tal-merkanzija, u li kwindi d-ditta "Baranja Export" ikollha tirrestitwilha. Il-liġi tipprovdi lid-ditta instanti l-mezz li tottjeni dak li talbet, mhux b'kawża kontra l-Banka sekwestratarja, imma bid-dispożizzjonijiet kontenuti fl-art. 379 sal-380 inklużivament tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u bl-eżekuzzjoni tas-sentenza, jekk favorevoli, fuq il-flus jew effetti sekwestrati mqegħedin taħt l-awtorità tal-Qorti kif hu kontemplat fl-art. 380(a) ġa ċitat; u għalhekk il-Barclays Bank ġie inutilment, u ma kienx imissu ġie, imdaħħal fil-kawża; u kwindi, apparti l-fatt illi t-talbiet formulati kontra tiegħu ma jistgħux jiġu sostnuti *għar-raġunijiet ġa mogħtija, hu xieraq li jiġi maħruġ minnha;*

Għall-motivi premessi;

Toħroġ barra mill-kawża lill-konvenut Walter George Whicker bħala direttur tal-Barclays Bank (Dominion, Colonial and Overseas);

Tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi l-kawża riferibilment għaż-żewġ konvenuti l-oħra "Baranja Export" u "Banque Nationale de la Republique Federative Populaire de Yugoslavie" ta' Belgrade;

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu minn għand l-attur nomine.